# SAN ĠUŻEPP
## fl-opri ta' Giuseppe Calì

*Kitba ta' Mario Fenech*

Fl-artiklu li kont ktibt għall-programm tal-festa ta' San Gużepp tas-sena li għaddiet kont ktibt dwar uħud mill-kwadri ta' San Ġużepp li pitter l-artist magħruf Malti Giuseppe Calì. Hawnhekk ser inkompli dan it-tagħrif u l-ewwel kwadru li ser naraw flimkien permezz ta' dan l-artiklu huwa dak li juri l-Familja Mqaddsa li jinsab fil-kappella tal-kunvent tar-Ragħaj it-Tajjeb f'Ħal Balzan.

### Il-Kwadru fil-Kunvent tal-Bon Pastur



Għalkemm f'dan il-kwadru l-artist ma nkludiex kuluri vivaċi ħafna, xorta waħda rnexxielu joħloq kwadru mill-isbaħ b'ħames figuri. Fiċ-ċentru tal-kwadru naraw lill-Madonna tindokra lil Binha Ġesù li jidher qiegħed iħares 'il fuq lejn żewġ Anġli mdawra bis-sħab. Wieħed minn dawn l-Anġli jidher qiegħed jgħaddi ġilju abjad lill-Familja Mqaddsa filwaqt li fuq sider l-Anġlu l-ieħor, l-artist għamel il-kelma PAX (Paċi). F'dan il-kwadru San Ġużepp iżomm il-pożizzjoni tiegħu li biha hu magħruf magħna, dik ta' bniedem umli u kwiet. Bil-qiegħda jħares lejn Ġesù, b'għodda f'idu qisu jrid jgħidilna li jekk inħarsu lejn Ġesù, insibu dik it-trankwillità li dejjem għex biha dan il-qaddis meta kien jagħmel parti minn din il-Familja Qaddisa. Hawnhekk l-artist jagħtina kwadru b'messaġġ ta' familja miġbura flimkien, u dan għamlu biex idaħħal sens ta' protezzjoni lil dawk kollha li kienu jfittxu u jsibu wens f'din id-dar tas-sorijiet li tieħu ħsieb tfal orfni, u nies oħrajn li jkollhom bżonn xi tip ta' kenn.

### Il-Kwadru Titulari tal-Knisja Arċipretali tal-Qala

Kwadru ieħor interessanti ta' l-artist Giuseppe Calì, li fih naraw lil San Ġużepp qiegħed fuq l-altar maġġur tal-knisja Arċipretali tal-Qala f'Għawdex; kwadru li Calì kien għamlu fuq talba tal-Kappillan Dun Ġwann Saliba. Dan il-kwadru jurina kemm kellu kapaċitajiet tajbin fl-arti dan il-pittur, u anki kien kapaċi li joħroġ kwadri li fihom tiġi riflettuta x-xewqa tan-nies tal-lokal. Naturalment Calì kien jaf x'rabta kellhom minn dejjem il-Qalin ma' l-Immakultata Kunċizzjoni, b'Santwarju devot iddedikat lilha f'tarf ir-raħal. Santwarju li serva bħala parroċċa kemm għar-raħal tan-Nadur sakemm dan bena l-knisja tiegħu, kif ukoll bħal knisja parrokkjali sakemm ġiet mibnija l-knisja l-ġdida fiċ-ċentru tar-raħal tal-Qala. Dak iż-żmien mhux kulħadd kien tal-fehma li għandu jiġi mibdul it-titular minn dak ta' l-Immakulata għal dak ta' San Ġużepp, għalhekk b'għaqal kbir meta pinġa l-kwadru, minbarra l-figura prominenti f'nofs it-tila ta' San Ġużepp huwa nkulda wkoll il-figura ħelwa u mimlija bil-qdusija

ta' l-Immakulata flimkien mal-Missier Etern u l-Ispirtu s-Santu, irraffigurat bis-simbolu tal-ħamiema bajda. Il-figuri taż-żewġ Anġli kbar li hemm fil-parti t'isfel tal-kwadru jwasslulna messaġġ qawwi ta' l-awtorità ta' dan il-qaddis li bis-skiet tiegħu spiċċa ddikjarat Padrun tal-Knisja Universali. Wieħed mill-Anġli għandu f'idu l-Ktieb tal-Bxara t-Tajba, il-Mitra Papali u l-Baklu filwaqt li l-Anġlu l-ieħor jidher b'lanza f'idu rebbieħ fuq l-ereżija rraffigurata b'raġel midneb b'serp f'idu u ktieb mitfugħ fl-art b'turija ta' tagħlim qarrieqi.



F'dan il-kwadru, fuq ras San Ġużepp hemm kuruna tad-deheb biex tfakkarna fil-jum solenni ta' l-Inkurunazzjoni tal-kwadru li kienet saret nhar it-8 ta' Awissu 1971. Sfortunatament din il-kuruna li tant kienet għal qalb il-Qalin ġiet misruqa u għal żmien twil kienet tpoġġiet waħda bla valur ta' xejn. Fil-festa tas-sena 1999, saru festi kbar fil-Qala u dan il-kwadru ferm sabiħ ta' Ġiuseppe Calì gie nkurunat mill-ġdid b'kuruna li ġiet maħduma u mħallsa minn emigrant mill-Qala li ma xtaqx li juri ismu. Tajjeb li ngħidu li din il-kuruna titqiegħed fuq il-kwadru waqt it-tlett ijiem tal-festa biss. Dan il-kwadru li Giuseppe Calì għamel fl-1899 huwa wieħed mill-iktar kwadri ta' San Ġużepp devoti fil-gżejjer Maltin u dan bir-raġun għaliex l-artist li għamlu minbarra l-kapaċitajiet artistiċi tiegħu, kellu wkoll devozzjoni kbira lejn San Ġużepp.

# PROGRAMM MUŻIKALI

## li l-Banda Sant'Andrija ta' Ħal Luqa ser tesegwixxi lejlet il-festa fit-8.15pm fuq il-planċier fil-Pjazza tal-Knisja

| | | |
|---|---|---|
| Innu Marċ | SAN ĠUŻEPP | Emm. Bugeja |
| Overture | MORNING, NOON AND NIGHT | F. von Suppè |
| Ballet | EGYPTIEN BALLET | Alexander Luigini |
| Paso Doble | ANDALUSIA | Paul Schembri |
| Medley | MEMORIES OF COLE PORTER | Cole Porter |
| Marcia Sinfonica | DEBORAH | Paul Schembri |
| Sinfonia | ORFEO AL INFERNO | Offenbach |
| Innu Marċ | BANDA SANT'ANDRIJA | Paul Schembri |

**Mro Paul Schembri**
*Surmast Direttur*